MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Numru. 315/2007

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA'
VS
CARMEL MANGION

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmel Mangion, ta' 62 sena, bin Massimo u Lucia nee' Debono, imwieled Qormi fit-23 t'Ottubru 1944, u residenti f'14, Triq il-Kbira, Qormi, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 954844(M), u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'xi perjodu wara s-16 t'Awissu 2005 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza, u cioe' certifikati tal-VRT foloz.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn dikjarazzjoni jew certifikat falz, u cioe' certifikati tal-VRT foloz.

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata falza li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli, u cioe' certifikati tal-VRT foloz.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u cioe' certifikati tal-VRT foloz.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 4) u tal-imputat (a fol 7) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 6).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 18, 184, 186, 187(2) u 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena. Din il-piena qed tinghata wara li l-

Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat; il-fedina penali tieghu u l-fatt li l-imputat huwa penzjonant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------